



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Frar 2019
(OR. en)

6339/19

COHOM 22
CONUN 15
COASI 28
MAMA 32
COEST 34
COAFR 28
DEVGEN 27
CFSP/PESC 121

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Frar 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6228/19 COHOM 18 COPS 35 CONUN 12 COASI 27 MAMA 31 COEST 31 COAFR 27 DEVGEN 24 CFSP/PESC 114
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2019 adottati mill-Kunsill fit-3673 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2019

1. L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà. L-UE hija impenjata li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li wkoll għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-paċi u s-sigurtà sostenibbli, bħala elementi fundamentali tal-azzjoni esterna tagħha. L-UE tinsab magħquda bħala sostenitur kbir tas-sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li hija bbażata fuq daww il-istess valuri, u ser tkompli tappoġġaha, tiddefendiha u tippromwoviha b'mod attiv matul l-2019 bħala prijorità tal-azzjoni esterna tagħha.
2. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tiddenunzja l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kull meta jsiru, tappella lill-istati u lill-atturi mhux statali biex jipprevenuhom u jtemmuhom minnufih, kif ukoll tara li ssir ġustizzja u li tintrefa' r-responsabbiltà. Hija tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma u l-mandat tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, u tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw l-indipendenza tal-Kummissarju Għoli u l-Uffiċċju tagħha u biex jikkooperaw magħhom mingħajr ebda riserva fit-twettiq tal-mandat tagħhom.
3. L-Unjoni Ewropea ser tuża l-ġhodod u l-fora kollha disponibbli sabiex twettaq l-impenji tagħha fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u kwalunkwe fora rilevanti oħra, konsistenti mat-Trattat dwar l-UE u l-Karta tan-NU, kif ukoll permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, demarches diplomatiċi, id-diplomazija pubblika, djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-Eżami Perjodiku Universali, l-involvement mal-Proċeduri Speċjali tan-NU, u sanzjonijiet kif xieraq. Hija ser tfittex li tibni koalizzjonijiet kemm dwar kwistjonijiet tematiċi kif ukoll dwar is-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi. Hija ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-soċjetà ċivili. L-UE timpenja ruħha li tippromwovi l-prinċipju tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni fl-azzjoni esterna tagħha, inkluż permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha fuq il-post.

4. L-UE tafterma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-multilateraliżmu u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Hija tilqa' d-deċiżjonijiet reċenti tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar it-titjib tal-effiċjenza tiegħu u ttenni l-impenn tagħha li tkompli taħdem mal-partijiet interessati kollha sabiex issaħħaħ il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tipproteġi l-kisbiet tal-Kunsill u tirrikonoxxi r-rwol uniku tiegħu u l-valur miżjud tiegħu, anki bħala parti mir-riforma usa' tan-NU. Hija tfakkar li l-membri kollha tan-NU, inkluż il-membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, għandhom iżommu l-oġhla standards tad-drittijiet tal-bniedem. F'din is-sena tal-anniversarju, l-UE tafterma mill-ġdid l-appoġġ tagħha għall-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
5. L-Unjoni Ewropea ser tfittex djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-istati kollha, inkluż permezz tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentanti Speċjali reġjonali tal-UE. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jagħtu lill-mekkaniżmi tan-NU u lill-mekkaniżmi oħra b'mandat fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, aċċess sħiħ, bla kondizzjonijiet u bla xkiel għat-territorji, ir-reġjuni u ż-żoni ta' kunflitt tagħhom. Hija tistenna li l-istati kollha jirrispettaw u jipproteġu persuni li jkun qed jikkooperaw mas-Sistema tan-NU u tikkundanna kull forma ta' intimidazzjoni, fastidju u ritaljazzjoni kontra daww il-persuni u ttenni l-appoġġ tagħha għall-ħidma tal-Assistent Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward. L-UE ser tirrikonoxxi u tappoġġa inizzjattivi nazzjonali u lokali li jtejbu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tas-segwitu, inkluż fil-kuntest tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Inizzjattiva "Good Human Rights Stories" ("Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"). Hija tilqa' l-involvement tal-Arġentina, il-Burkina Faso, Cape Verde, iċ-Ċili, il-Georgia, l-Indoneżja, New Zealand, in-Norveġja, il-Perù, ir-Repubblika tal-Korea, il-Gambja, it-Tuneżija u l-Urugwaj fl-Inizzjattiva u fil-kondiviżjoni ta' stejjer pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem.
6. L-Unjoni Ewropea ser tuża kull opportunità biex tappella lill-istati li għadhom ma aderewx ma' jew li għadhom ma rrattifikawx trattati ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem biex jagħmlu dan issa. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma, l-UE ser tuża kull opportunità biex tappella lill-istati kollha li għadhom m'għamlux dan biex jaderixxu mal-Istatut ta' Ruma jew jirratifikawh, biex jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tiegħu fil-livell nazzjonali, jappoġġaw il-Qorti Kriminali Internazzjonali u jikkooperaw bis-sħiħ miegħu.

7. L-Unjoni Ewropea tafferma mill-ġdid li d-drittijiet tal-bniedem kollha għandhom jiġu realizzati mad-dinja kollha, kemm jekk huma drittijiet ċivili u politiċi, kif ukoll jekk huma ekonomiċi, soċjali u kulturali, u li m'hemm l-ebda ġerarkija tad-drittijiet tal-bniedem. Hija tfakkar fl-importanza tad-drittijiet tal-bniedem għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, u tistieden lin-NU biex tissorvelja mill-qrib it-tweqqi tagħhom. L-UE lesta li tinvolvi ruħha mal-istati kollha sabiex tippromwovi r-rispett, il-protezzjoni u s-sodisfazzjon progressiv tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż id-dritt għall-edukazzjoni, id-dritt għall-ikel, u d-drittijiet għal ilma tax-xorb sikur u għas-sanià bħala komponenti tad-dritt għal standard tal-għajxien adegwat, filwaqt li ttenni mill-ġdid l-appoġġ tagħha għad-dritt għall-iżvilupp, kif ibbbażat fuq l-indiviżibbiltà, l-interdipendenza, l-universalità u l-inalljenabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem kollha. F'din is-sena li timmarka l-40 anniversarju tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, l-UE ser tkompli timpenja ruħha biex l-irġiel u n-nisa jgawdu b'mod ugwali dawn id-drittijiet. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha għad-dritt li kulħadd jgawdi l-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali, inkluż fl-azzjoni esterna tagħha, fejn hija tistinka biex twieġeb għal theddid għas-saħħa globali, tappoġġa sistemi tas-saħħa reżiljenti u ttejjeb l-aċċess għal mediċini essenzjali affordabbli.
8. L-Unjoni Ewropea ttenni l-oppożizzjoni qawwija u inekwivoka tagħha għall-piena tal-mewt f'kull mument u f'kull ċirkostanza. F'dan ir-rigward, hija tilqa' l-progress lejn l-abolizzjoni tagħha fid-dinja. Hija tinnota b'sodisfazzjon iż-żieda sostanzjali fl-appoġġ għar-riżoluzzjoni dwar il-moratorju fl-użu tal-piena tal-mewt mill-Assemblea Ġenerali tan-NU. L-UE ser tkompli tappella lill-aħħar pajjiżi li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni sħiħa u legali, u ser tkompli tħeġġeġ lill-istati fejn hemm moratorju fis-seħħ biex jieħdu l-passi kollha lejn l-abolizzjoni sħiħa. Hija tħeġġeġ lill-istati abolizzjonisti biex jipproteġu din il-kisba fil-kostituzzjoni tagħhom u biex jirratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR. L-UE ser tkompli titkellem kontra l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari għal reati mwettqa minn persuni taħt it-18-il sena, għal nisa tqal jew persuni b'mard mentali jew b'diżabbiltà intellettuali, jew bi ksur ta' standards minimi oħra, u kontra eżekuzzjonijiet tal-massa, u sentenzi tal-mewt ibbażati fuq konfessjonijiet sfurzati.

9. L-Unjoni Ewropea, waħda mill-koinizjaturi tal-Alleanza Globali biex jintemm il-kummerċ f'oġġetti użati għall-piena kapitali u t-tortura, ser tkompli topponi u tikkundanna bis-sħiħ l-użu tat-tortura u ta' trattament jew pieni oħrajn krudili, inumani jew degradanti minn atturi statali u mhux statali kulfejn dawn iseħħu, kif ukoll il-prattika ta' għajbien sfurzat u l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji. F'dak ir-rigward, hija qed tkompli ssegwi bi tħassib serju diversi każijiet irrapportati riċentement fil-Burundi, fir-Repubblika taċ-Ċeċenja (il-Federazzjoni Russa), fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa, u f'żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fir-RDPK, fl-Eġittu, fil-Libja, fil-Myanmar, fin-Nikaragwa, fil-Pakistan, fil-Filippini, fl-Arabja Sawdija, fis-Sudan t'Isfel, fis-Sirja, fil-Venezwela u fil-Jemen. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li l-allegazzjonijiet ta' każijiet ta' tortura, għajbien sfurzat u qtil extraġudizzjarju jkunu investigati fil-pront u effettivament b'mod imparzjali u trasparenti, li jiżgura li jkun hemm prosekuzzjoni xierqa ta' dawk responsabbli. L-UE tibqa' mħassba b'mod serju dwar il-każijiet rapportati ta' maltrattamenti u tortura waqt id-detenzjoni fiċ-Ċina u tappella lill-awtoritajiet biex jinvestigawhom bir-reqqa.
10. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluż dik ibbażata fuq is-sess, ir-razza, l-oriġini etnika jew soċjali, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, u ser tinvolvi ruħha b'mod konsistenti u kostruttiv ma' mandati tan-NU li jiffokaw fuq il-vjolenza u d-diskriminazzjoni minħabba dawk ir-raġunijiet jew minħabba kwalunkwe raġuni oħra, u ser tappoġġa l-ħidma kontinwa tan-NU f'dan ir-rigward.

11. L-UE ser tibqa' impenjata b'mod attiv fl-isforzi internazzjonali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom bħala kwistjoni ta' prijorità. Hija ser tkompli tiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-ħidma kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Assemblea Ġenerali u ta' fora oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt li jfakkar fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, il-Kunsill jibqa' impenjat favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi tar-rieżami tagħhom u jibqa' impenjat favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, f'dan il-kuntest. Il-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza sessista, il-ġlieda kontra din it-tip ta' vjolenza u l-prosekuzzjoni tagħha, inkluż prattiki li jagħmlu l-ħsara, u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, u l-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom ser ikunu fil-qalba tal-azzjoni tal-UE, anki matul sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' wara l-konflitt. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tar-risoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, konsistenti mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Approċċ Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

12. L-UE ser tagħmel kull sforz biex jiġu rispettati u promossi l-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tat-tfal kollha, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Hija ser taħdem mill-qrib man-NU, b'mod partikolari r-Rappreżentanti Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitti Armati u dwar il-Vjolenza fuq it-Tfal, kif ukoll proċeduri speċjali rilevanti tan-NU, sabiex jiġi evitat u mitmum il-qtil, il-mankament u l-ħtif ta' tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt, kif ukoll il-vjolenza sesswali, biex jintemmu l-attakki fuq l-iskejjel u l-isptarijiet, biex ikun żgurat l-aċċess umanitarju għat-tfal f'dawk is-sitwazzjonijiet, u biex jitwaqqaf ir-reklutaġġ u l-użu ta' tfal mill-partijiet f'konflitt u minn gruppi terroristiċi. Hija tibqa' mħassba ħafna dwar ir-reklutaġġ u l-użu tat-tfal, rikonoxxut fir-Rapport tal-2018 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, is-Somalja, is-Sudan t'Isfel, is-Sirja u l-Jemen; u mill-ġhadd kbir ta' tfal li sfaw maqtula jew immankati, inkluż fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-Iraq, il-Myanmar, is-Sirja u l-Jemen, kif ukoll l-ġhadd kbir ta' każijiet verifikati ta' stupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali inkluż fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Libja, il-Myanmar u s-Sudan t'Isfel.
13. L-UE ser tkompli tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tat-tfal, inkluż f'fora tan-NU. It-30 anniversarju tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal fl-2019 huwa kemm mument importanti kif ukoll opportunità biex inġeddu l-impenn tagħna biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha madwar id-dinja kif ukoll biex jiġi evalwat il-progress li sar mill-adozzjoni 'l hawn. L-UE ser tkompli tappoġġa inizzjattivi mmirati lejn l-iżgurar ta' aċċess universali għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għal kulħadd, b'attenzjoni partikolari lit-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, inkluż il-bullying u l-bullying ċibernetiku, u prattiki dannużi, bħal żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, u ser tkompli tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tat-tfal mingħajr il-kura tal-ġenituri.

14. L-UE ser tkompli topponi kull forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata madwar id-dinja kollha. Hija ser tkompli tippromwovi u tipproteġi l-libertà ta' reliġjon jew twemmin, li l-eżerċizzju liberu tiegħu jikkontribwixxi għad-demokrazija, l-iżvilupp, il-paċi u l-istabbiltà, u ser tkompli tikkundanna l-persekuzzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi madwar id-dinja u d-diskriminazzjoni kontrihom, u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija. L-UE ser tkompli topponi kull forma ta' inċitament għall-vjolenza jew għall-mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline.
15. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi minoranzi nazzjonali, etniċi, u reliġjużi. Hija tappella lill-istati biex jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet diġà eżerċitati ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali kif imnaqqa fil-Konvenzjonijiet tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa. L-UE tinsab imħassba dwar każijiet ta' ksur u abbużi persistenti osservati fil-Kamerun, il-Myanmar, il-Pakistan, il-Federazzjoni Russa, u r-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumix taħt il-kontroll tal-Gvern. Hija qed issegwi wkoll bi tħassib is-sitwazzjoni fir-Reġjun Awtonomu ta' Xinjiang Uighur, bl-eżistenza ta' kampijiet ta' riedukazzjoni politika, u s-sorveljanza u r-restrizzjonijiet mifruxa sew immirati partikolarment lejn l-Uyghurs. Hija ser tkompli tappella liċ-Ċina biex tirrispetta l-libertà tal-espressjoni, id-diversità kulturali u l-libertà ta' reliġjon jew twemmin, mhux l-inqas fir-Reġjun Awtonomu ta' Xinjiang Uighur u r-Reġjun Awtonomu tat-Tibet.
16. B'appoġġ għall-SDG 16, l-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jiżguraw it-tħaddim tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi, biex jiddefendu r-rispett tal-istat tad-dritt u l-prinċipji ta' governanza tajba, u biex jiggarrantixxu l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, online u offline, il-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u l-indipendenza tal-ġudikatura. F'dak ir-rigward, issegwi bi tħassib is-sitwazzjoni fil-Belarużja, il-Bangladesh, il-Kambodja, l-Eritrea, il-Gwatemala, in-Nikaragwa, il-Federazzjoni Russa, is-Sudan, it-Turkija u l-Venezwela. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għal reati terroristiċi jittieħed f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż il-ligiinternazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Hija tissottolinja l-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi ta' reati terroristiċi. Hija ser tagħti attenzjoni partikolari għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali.

17. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex jiżguraw aċċess sħiħ, f'waqtu u bla xkiel mal-pajjiż kollu għall-għoti ta' għajjnuna umanitarja lill-popli fil-bżonn. F'dak ir-rigward hija ser tkompli ssegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumix taħt il-kontroll tal-Gvern, il-Myanmar, it-territorju okkupat Palestinjan, fejn Iżrael għandu l-obbligi skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, is-Sirja u l-Jemen. L-UE ser tkompli tappella wkoll għal aċċess bla xkiel għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni separatisti tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar. L-UE ser tibqa' soda fl-impenn tagħha li tiġi rrispettata l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tar-refuġjati, il-persuni spostati internament kif ukoll il-migranti. L-UE tafferma mill-ġdid li l-forom kollha ta' traffikar ta' bniedmin huma ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll forma ta' kriminalità organizzata. Hija ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jipprevjenu t-traffikar ta' bniedmin, jipproteġu lill-vittmi, u biex jiżguraw l-prosekuzzjoni effettiva tal-awturi.
18. L-UE ser tkompli tappoġġa d-dokumentazzjoni tal-ksur kollu tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari ksur u abbużi sistematiċi, mifruxa u gravi tad-drittijiet tal-bniedem, li wħud minnhom jistgħu jikkostitwixxu ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, jew delitti tal-gwerra, u l-isforzi biex tinġabar evidenza bil-ħsieb ta' azzjoni legali fil-futur permezz ta' mekkaniżmi bħall-Kummissjonijiet ta' Inkjesta b'mandat min-NU u Mekkaniżmi Internazzjonali kif għamlet reċentement fil-każijiet tal-Burundi, ir-RDPK, il-Myanmar, is-Sirja u l-Jemen, bħala mezz biex tħejji t-triq biex daww li wettqu delitti gravi jinżammu responsabbli, inkluż permezz tal-QKI u l-azzjoni ta' ġurisdizzjonijiet nazzjonali.

19. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jippromwovu u jipproteġu l-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, u s-sikurezza tal-ġurnalisti u l-bloggers. Hija ser tkompli tappoġġa lis-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bil-mezzi kollha disponibbli, kull fejn ikunu fil-periklu, u biex tiġġieled kontra l-ispazju dejjem jiċkien allokat għas-soċjetà ċivili. F'dak ir-rigward, l-UE ssegwi bi tħassib serju s-sitwazzjoni fl-Ażerbajġan, il-Bahrain, il-Belarussja, il-Burundi, il-Kambodja, iċ-Ċina, ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumiex taħt il-kontroll tal-Gvern, l-Eġittu, l-Iran, il-Myanmar, in-Nikaragwa, l-Arabja Sawdija, il-Federazzjoni Russa, it-Tanzanija, it-Turkija, il-Venezwela, il-Vjetnam, u ż-Żimbabwe. L-UE tinsab imħassba ferm u għalhekk ser tkompli tikkundanna bil-qawwa t-theddid u l-attakki, il-kampanji ta' malafama, il-prosekuzzjoni malizzjuża, il-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, l-arresti arbitrarji, l-għajbien sfurzat, id-detenzjoni ta' u r-ritaljazzjonijiet kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, bloggers, ħaddiema fil-media u avukati tad-drittijiet tal-bniedem, u ser tkompli tisħaq li jingħata rendikont. Hija ser tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji speċifiċi li jaffaċċaw in-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ta' popli indiġeni, kif ukoll difensuri tad-drittijiet tal-bniedem oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem LGBTI. L-UE ser tkompli topponi restrizzjonijiet legali u amministrattivi sproporzjonati fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi sistemi ta' reġistrazzjoni punitivi u restrizzjonijiet fuq ir-riċeviment ta' finanzjament.
20. L-UE ser tkompli tippromwovi l-kwistjoni tal-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, kemm fl-azzjoni esterna tagħha kif ukoll fil-politiki interni tagħha, inkluż permezz ta' inizjattivi dwar id-diliġenza dovuta għad-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess għal rimedju għal vittmi ta' abbużi korporattivi, u appoġġ għal difensuri tad-drittijiet tal-bniedem indiġeni u ambjentali. Il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-imġiba tan-negożji responsabbli huma mezz biex jiġu implimentati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Permezz tad-djalogi tagħha mal-pajjiżi terzi u għodod oħrajn, l-UE ser tinkoraġġixxi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u toffri appoġġ kif meħtieġ. Hija ser tikkunsidra opzjonijiet biex tiġi intensifikata l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU, inkluż l-possibbiltà ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE relatat. L-UE ser tkompli ssegwi inizjattivi bejn diversi partijiet interessati promettenti bħall-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Fornituri tas-Sigurtà Privati u ċ-Ċentru għall-Isports u d-Drittijiet tal-Bniedem.